# FIL-QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum il-Ġimgħa, 1 ta' Marzu, 2024.

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 75/2015 ISB**

**Galleria Properties Limited (C-38989)**

**Vs**

**Cassar & Schembri Marketing Ltd (C-33174) u**

**More Supermarkets (Fgura) Limited (C-61496)**

**U b'digriet tal-10 ta' Marzu 2015 A.A.S.K. Enterprises Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża in statu et terminis**

**U b'digriet 10 ta' Marzu 2015 Galleria Trading Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża in statu et terminis**

**U b'digriet tad-29 ta' Settembru 2015 Agdel Limited ġiet awtorizzata tintervjeni fil-kawża in statu et terminis**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li ppreżentat ir-Ricevitur Ufficjali, bħala stralċjarju tal-kumpanija xjolta **Cassar & Schembri (Marketing) Ltd (C 33174)** tal-4 ta' Diċembru 2023, li permezz tiegħu talbet, wara li ta rendikont tax-xogħol minnha mwettaq, sabiex jiġi ffissat ammont li għandu jitħallas lill-istralċarju bħala spejjeż u remunerazzjoni dovuti.

Rat l-atti tal-istralc.

Billi huwa kompitu ta' din il-Qorti li tistabilixxi r-rimunerazzjoni ta' stralċjarju.

Billi l-preżenti stralċjarju ġiet hekk nominata f'Lulju 2021 wara illi kien eżonerat l-istralċjarju preċedenti.

Billi l-Qorti hija tal-fehma li l-istralċjarju għandha titħallas l-ammont ta' **elf u ħames mitt Ewro (€1,500)**, liema ammont ma għandux jinkludi kwalsiasi spejjeż u drittijiet ġudizzjarji dovuti lill-istess Riċevitur Uffiċjali u t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, jekk applikabbli.

**GĦALDAQSTANT,** in vista ta' dak hawn fuq espost, il-Qorti qed tgħaddi sabiex tiddeċiedi dwar it-talbiet tal-istralċjarju mressqa fir-rikors tagħha tal-4 ta' Diċembru 2023, billi**:**

1. **Tistabilixxi** l-ammont ta' **elf u ħames Ewro (€1,500)** bħala r-rimunerazzjoni tagħha, liema ammont ma għandux jikkomprendi kwalsiasi spejjeż u drittijiet ġudizzjarji u t-taxxa fuq il-valur miżjud jekk applikabbli.

2. **Tordna** li l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju għandhom jitħallsu mir-rikorrenti u mill-kumpanija intimata flimkien u in solidum bejniethom.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**